# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR



DIĊEMBRU 2020 – Ħarġa Nru: 186

*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## UMILTÀ U SEMPLIĊITÀ

Żgur li bħal daż-żmien sena qatt ma ħlomna li llum se nkunu qed niċċelebraw Milied differenti minn dak li aħna mdorrijin bih. Għalkemm f'Diċembru 2019 konna diġa qed naraw nies infettati bil-Covid u anke jmutu f'pajjiż 'il bogħod sew minna, qatt ma ħlomna li dan kien se jilħaq lill-pajjiżi Ewropej, fosthom lilna!

U għalkemm ħsibna li sas-sajf li għadda din il-pandemija kienet se titbiegħed minna u tħallina bi kwietna, minn Settembru sallum reġgħet bdiet tgħolli rasha… u ma nafux kemm se ddum hekk!

**Xewqat oħra**

Ħafna qed jitolbu u anke jaħdmu biex kemm jista' jkun malajr, il-Covid-19 tkun ġrajja tal-passat. Kulħadd jixtieq jiġi għan-normalità ha nserrħu moħħna u ma jkollniex għalfejn noqgħodu nsegwu n-numru ta' każijiet ġodda hux jogħla jew jonqos!



Fost dawn ix-xewqat kollha, il-vuċi tal-Papa u anke ta' ħafna mill-ministri tal-Knisja, tinstema tħeġġiġna biex:

* Inwarrbu minn fostna kull artifiċjalità li nistgħu ngħaddu mingħajrha f'ħajjitna u mmorru għal dak li hu **essenzjal**;
* Nagħtu **każ aktar ta' xulxin** għax ilkoll qegħdin "fl-istess dgħajsa";
* Napprezzaw aktar lil dawk li qed **jiddedikaw ħajjithom** biex jikkuraw lil min qed jiġi infettat minn dan il-virus;
* Napprezzaw aktar **il-ħin flimkien fil-familji** tagħna u nsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejnietna li ħafna drabi qed isiru ineżistenti;
* Inkomplu **nsaffu l-ambjent** li waqt il-lockdown kien ħa r-ruħ u li jekk intuh l-opportunità, jerġa jibda jiffjorixxi.

**Aktar kalma**

Forsi dis-sena mhux se niċċelebraw Milied b'divertiment u xiri, kultant eċċessiv. Dan ifisser li aħna l-insara, aktar minn ħaddiehor, jista' jkollna aktar ħin biex nirriflettu aħjar fuq it-tifsira vera tal-Avvent u l-Milied f'dan iż-żmien ta' pandemija.

Meta nkunu quddiem il-presepju żgur li se nisimgħu lil Ġesù Tarbija jgħallimna li:

* **L-umiltà** għadha virtù importanti. Jeħtieġ nifhmu li għamilna kemm għamilna progress, aħna nibqgħu bnedmin mhux allat;
* **Is-sempliċità** tgħinna biex ma nikkumplikawx il-ħajja imma nieħdu gost

b'dak li hu ċkejken u jiswa' mill-inqas flus;

* **Id-dipendenza** minn ħaddieħor tgħallimna napprezzaw is-sagrifiċċji li dawk ta' madwarna jagħmlu għalina speċjalment fil-mument tal-bżonn;

Dan kollu, Ġesù għexu bid-dħul tiegħu fid-dinja bħala bniedem. Ejjew, għalhekk, din is-sena aktar minn snin oħra, nħaddnu l-umiltà, is-sempliċità u l-apprezzament tal-oħrajn bħala pilastri għal Milied hieni minkejja t-theddida u r-restrizzjonijiet tal-pandemija. Inkunu kuntenti aktar!

Il-Milied it-tajjeb lilkom ilkoll.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … DIĊEMBRU 2020

**Ħamis 3:** San Franġisk Saverju, presbiteru – Tifkira O. Fis-6.30pm laqgħa għar-romol. Fis-7.30pm għeluq tal-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ tal-għarajjes, fis-santwarju.
**Ġimgħa 4:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa ta' filgħaxija, ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Ħadd 6:** **It-Tieni Ħadd tal-Avvent.** Fl-10.15am quddiesa għall-Familja.
**Tnejn 7:** San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Tlieta 8:** **Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija** – l-Immakulata Kunċizzjoni. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies li jkun bħal matul il-ġimgħa.
**Ħadd 13:** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**. Fl-10.15am quddiesa għall-Familja. *Jum ir-Repubblika*.
**Tnejn 14:** San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Tlieta 15:** *Tibda n-Novena tal-Milied*. Fis-6.00pm quddiesa bil-kant u l-omelija fuq il-qari tal-ġurnata matul in-Novena kollha. Fl-ewwel jum, wara l-quddiesa ssir il-Mixgħela tal-Presepju.
**Ħadd 20:** **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent.** Fl-10.15am quddiesa għall-Familja.
**Ħamis 24:** *Lejlet il-Milied*. Fis-6.00pm quddiesa tal-Vġili tal-Milied. Fid-9.30pm programm ta' Lejlet il-Milied u priedka tat-tifel minn Luca Zerafa. Fl-10.00pm, purċissjoni bil-Bambin mal-knisja, kant tat-Tħabbira tal-Milied (il-Kalenda) u Konċelebrazzjoni Solenni.
**Ġimgħa 25:** **Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu.** Quddies bħal tal-Ħadd. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni tal-Milied. F'12.00pm il-Q.T. il-Papa jagħti l-messaġġ tiegħu tal-Milied u l-Barka Urbi et Orbi.
**Sibt 26:** San Stiefnu, protomartri – Festa. Tibda l-Ottava tal-Milied.
**Ħadd 27:** **Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret.** Fl-10.15am quddiesa għall-Familja.
**Tnejn 28:** Il-Qaddisin Innocenti Martri – Festa
**Tlieta 29:** **L-ewwel Jum tal-Kwaranturi**. Nesponu 'l Ġesù Ewkaristija wara l-quddiesa tat-8.30am għall-adorazzjoni privata sa' 12.00pm. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm sas-6.00pm meta ssir quddiesa bil-kant tat-Talba ta' Filgħaxija (l-Għasar), ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali.
**Erbgħa 30:** **It-tieni jum tal-Kwaranturi.** Programm bħal tal-ewwel jum.
**Ħamis 31:** **L-aħħar jum tal-Kwaranturi.** Filgħodu, programm bħat-tieni jum. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr f'għeluq is-sena 2020, purċissjoni mal-knisja bis-SS.mu Sagrament, kant tat-Te Deum u Barka Sagramentali.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Emmanuel Massa (94), Lawrence Grima (66), Francis Scerri (91), Joseph Caruana (62), Martin Vella (60), Kevin Vella (44), Francis Farrugia (82), Lorrie Lia (74), Charles Scerri (71), Alfred Micallef (73), Peter Mifsud (76), Frank Cucciardi (83), Marija Borg (84).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*